# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 39 Lulju - Awwissu 2000

BirdLife MALTA

# EDITORJAL





## Għeżież Ħuttaf...

Ix-xahar li għadda rċivejt email mingħand wieħed berdwoċer ħabib tiegħi jismu Mark. Dan qalli li kien fl-inħawi taċ-Chadwick Lakes u mar jiċċekkja xi bejtiet tal-bagħal ta' l-imrewħa (*zitting cisticola*), u baqa' miblugħ meta sab ħdax-il bejta ta' dan l-għasfur, kollha mħarbtin! X'kien ġara? Kaċċaturi? Tfal imqarbin? Offroaders? Xejn minn dan, għal darba ma kienx tort tal-bniedem. Dan kien xogħol tas-serp iswed! Ħdax-il bejta, l-aħwa! Ħarbathom kollha, addijo bajd u frieħ!

Forsi tgħiduli: "Iss, mela sewwa jgħidu li s-serp jagħmel il-ħsara. Sewwa jgħidu li s-sriep għandna noqtluhom! Sewwa jgħidu li s-sriep m'hawnx agħar minnhom! X'jiġifieri biex jimla żaqqu hu jrid joqtol dawk il-povri frieħ! Sewwa jgħidu li s-sriep qalbhom ħadra!"

OWW! OWW! ŻOMMU WAĦDA R-RIEDNI!

Qalbu ħadra xejn - is-serp iħarbat bejta għax ikollu l-ġuħ, u daqshekk! Veru li ħasra, wara dak ix-xogħol u l-paċenzja kollha biex il-ġenituri jrabbu familja frieħ! Imma m'għandkomx għax tiskantaw, għax in-natura kollha kemm hi hekk. Wieħed jiekol lill-ieħor! Anke n-nies: l-istess tkunu qed tagħmlu intom kull meta tieklu ħemberger, zalzett, corned beef, perżut, luncheon meat, jew xi biċċa ċanga, majjal, ħaruf, tiġieġa, dundjan, fenek, qarnit, ħut, gambli u x'naf jien. Kollha annimali dawn, u kollha jmutu biex tieklu intom!

Kieku s-serp ħarbat il-bejta għax ma kellux x'jagħmel, jew biex juri kemm hu *hero*, jew biex ifaddal il-bajd fil-kollezzjoni, jew biex jibbalzma l-frieħ u jqiegħdhom ġo vetrina, kieku kont ngħidilkom veru li għandu qalbu ħadra. Imma dawn l-affarijiet in-nies jagħmluhom, mhux l-annimali.

Jiġifieri meta naraw serp jiekol għasfur, jew iljun jattakka żebra, jew ajkla taqbad ferħ ta' fenek, jew baliena taqbad foka eċċ eċċ, ikollna naċċettaw li dak huwa bżonn tan-natura. Iva, anke jekk titħassarhom il-vittmi. Anke jien nitħassarhom.

U nagħmlu ħażin ħafna jekk nippruvaw nindaħlu biex mingħalina nirranġaw l-affarijiet u nsalvaw lil dan u l-ieħor.

Ma nistgħux nirranġaw xi ħaġa li hija diġà perfetta.

Komplu gawdu s-sajf u tantx toqogħdu fix-xemx.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## F'dil-ħarġa...


Editorjal 2
Aħbarijiet 3
Mid-Dinja 4
Nittrumbjaw fuq: id-Durrajsa 5
Ħalluhom erba' rizzi! 6
Gallerija 6
Kompetizzjoni 39 7
Avviżi 7
Ittri 8
Il-Kawboj u x-Xadin! 8
Attività 13+ 9
Il-Ħuttafa tas-Sena 2000 9
Għali Ambjentali: L-Ilma 10
Seħibna Kamal! 11
Daħħal Membru 11
Ta' Ċenċ 12



### Working Group ta' Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
Website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**



Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skop kummerċjali u dment li jissemma' isem il-magażin u li tintbagħat kopja tal-materjal lill-BirdLife.



Pubblikazzjoni: Birdlife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Kamalejont** (ritratt ta' Raymond Galea)
Faċċata ta' wara: **L-irdum Ta' Ċenċ** (ritratt ta' Joe Sultana)
Films: Gutenberg Press Stampat: Poulton's Print Shop, Awwissu 2000


Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax-il sena. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.



## Wara tmintax-il sena nieqes...



Tpinġija meħuda minn Collins Bird Guide

# Reġa' bejjet il-Ħawwief!

**Mhux 'il bogħod minn Ħad-Dingli hemm ftit djar qalb ir-raba'. Waħda minnhom għandha garaxx, u fuq il-bozza li tixgħel id-daħla ta' dal-garaxx ftit ġimgħat ilu ġrat ħaġa ta' l-għaġeb. Bejjet il-Ħawwief! Aħna tal-Klabb morna nkellmu lis-sid tad-dar...**

Raymond Galea



**Il-bejta fil-bidu ta' Lulju... kważi lesta!**

Raymond Galea



**Id-dar fejn bejtet il-ħawwiefa (il-vleġġa turi fejn eżatt).**

Is-Sur Bonniċi, kburi kburi, qalilna kemm hu u l-familja tiegħu huma kuntenti li minn tant postijiet f'Malta, dan il-par ħawwief għażlu proprju d-dar tiegħu biex jagħmlu l-bejta. Qalilna li ftit qabel, l-istess par ipprova jbejjet ma' dar oħra viċin, imma s-sidt mid-dehra ma ndunatx u kissret il-bejta, li kienet għadha qed tinbena.

Ftit wara, it-tifla tas-Sur Bonniċi, Annabelle, rat dawn l-għasafar deħlin u ħerġin taħt il-ħnejja tal-garaxx tagħhom. Indunat li xi ħaġa mhux tas-soltu kienet qed tiġri!

Kif il-familja Bonniċi saret taf bil-biċċa, kollha ħadu interess kbir, u bl-akbar għaxqa qagħdu jaraw il-ħawwief jibni u jkaħħal il-bejta ftit ftit. Iva jkaħħal, għax il-ħawwiefa ma tibnix il-bejta minn ħuxlief, imma bit-tajn! Is-Sur Bonniċi qalilna li l-ħawwief kien jiġbor it-tajn mit-triq ta' quddiem id-dar stess. Is-Sinjura Bonniċi qaltilna li beżgħet ħafna li l-kaċċaturi jisparaw fuq xi waħda mill-ħawwief "tagħhom", u għalhekk qalet lill-ġirien kollha biex ma jmurx ifettlilhom jisparaw fuq il-ħawwief. Tard f'Ġunju, il-ħawwiefa mara biedet tliet bajdiet, li faqqsu wara xi ġranet.

L-aħħar li morna niċċekkjaw il-bejta, rajna żewġt irjus suwed u bojod jittawlu mix-xaqq dejjaq tal-bejta, jistennew il-ġenituri jiġu jitimgħuhom! Kollox jidher li miexi ħarir, u sa ma taqraw din l-istorja, suppost li l-frieħ ikunu tajru u telqu!

**Għaliex dan l-għaġeb kollu fuq par ħawwief? Ħeqq, għax il-ħawwief ma jbejjitx spiss f'Malta. L-aħħar bejta li nafu biha nbniet fl-1982*.**

Ħaġa stramba b'din il-bejta kienet li flok żewġ ġenituri kien hemm tlieta jieħdu ħsieb il-bejta! It-tielet jaf tkun xi ferħ minn tas-sena l-oħra, li flok għamlet bejta għaliha, baqgħet mal-ġenituri tagħha biex tgħinhom irabbu familja oħra! Affarijiet li fid-dinja ta' l-għasafar kultant jiġru!

*Fl-1985 par ħawwief kien bena bejta, imma għal xi raġuni din ma rnexxietx - probabbli xi wieħed mill-par inqatel!






# Ara x'tella' l-baħar!

**Wasliilna rapport interessanti immens. Fis-7 Lulju, għal xi 8am, dehret tielgħa l-art fekruna tal-baħar fil-bajja ramlija ta' l-Għadira!**

M'aħniex ċerti liema speċi kienet, imma probabbli kienet il-**fekruna komuni** (*loggerhead turtle*) - kienet skura u twila xi metru. Qalulna li tant kellha ħerqa biex titla' illi mbuttat wieħed raġel li kien hemm iħares! Imma wara ftit, dawret denbha u reġgħet lura l-baħar.

Il-*loggerhead* kienet darba tbejjet f'xi ramliet ta' Malta u Għawdex, imma minħabba l-iżvilupp tax-xtut u l-ħafna nies li saru jmorru jgħumu, il-fekruna tgerrxet u na baqgħetx tuża r-ramliet Maltin biex tbid il-bajd tagħha. L-aktar li tbejjet illum huwa f'xi gżejjer Griegi u max-xtut tat-Turkija.

**L-aħħar li bejtet f'pajjiżna l-fekruna tal-baħar kien għall-bidu tas-Seklu Għoxrin, fir-Ramla l-Ħamra t'Għawdex.**

Min jaf x'fettlilha, hux! Ħadet triq b'oħra tgħid?

# X'jitilgħu jagħmlu?!

Ma tgħaddix sena li ma nisimgħux b'balieni u dniefel li jitilgħu l-art, kultant anke f'Malta (ara *Il-Ħuttafa* 30). Ħadd ma jaf għaliex jagħmlu hekk. Tgħid il-baħar imniġġes wisq? Tgħid l-istorbju tal-vapuri qed iġenninhom? Tgħid xi marda misterjuża li għadna ma nafux biha? Id-dniefel u l-balieni huma annimali intelliġenti ħafna, imma sfortunatament ma jistgħux jispjegawlna x'inhi l-problema. Ħafna nies tiġihom ħasra minn dawn il-balieni li jitilgħu l-art, u spiss jagħmlu minn kollox biex b'xi mod jew ieħor jerġgħu jniżżluhom lura fil-baħar. Kultant dawn l-isforzi jirnexxu. Imma kultant l-annimal... jerġa' jitla' l-art!



**Gabdoll (sperm whale) li tela' l-art. Ħadd ma jaf għaliex...**



Nittrumbjaw fuq

# Id-Durrajsa

*Mark-Anthony Falzon*

**Is-sajf mhuwiex l-aqwa żmien għall-berdwoċing f'Malta. F'dis-sħana aktar ikollna aptit immorru ngħumu milli nduru bit-tromba. Barra minn hekk, ftit ikun hawn għasafar x'tara, ħlief xi tajr tal-plajja (*waders*) u l-ftit speċi li jbejtu fil-gżejjer Maltin. Wieħed minn dawn il-ftit li jbejtu hija d-durrajsa.**

Id-durrajsa tkun ftit ikbar minn għasfur tal-bejt, imma minkejja li hija ikbar, nistgħu **faċilment nitfixkluha ma' għasfur tal-bejt mara**. Dan għaliex id-durrajsa tkun kafellatte bi strixxi kannella skuri.

Imma, kif dejjem ngħidu, fil-berdwoċing "l-għajta nofs il-bejgħ". It-tisfira tad-durrajsa hi tipika u tinstema' mill-bogħod. Durrajsa għandha żewġ tisfiriet. Waqt li ttir tagħmel *tik tik* qawwija; l-għanja, mill-banda l-oħra, **qisha mazz ċviewet iċekċku** (kif jgħidu ħafna gajds!), jiġifieri qishom ħafna tisfiriet ġo xulxin.

Din l-għanja spiss tismagħha fl-inħawi fejn tbejjet id-durrajsa u ħafna drabi tkun ġejja minn fuq xi arblu jew wajer tad-dawl, fejn tħobb titperreċ.

Kif għedna, id-durrajsa tbejjet fil-gżejjer Maltin. Tibni l-bejta qalb il-ħaxix baxx, u tkun moħbija tajjeb - fil-fatt jien qatt ma rajt waħda! Il-bejtiet tad-durrajsa għandhom ħafna għedewwa: is-**serp iswed** u l-**far**, li jieklu l-frieħ, in-**nar** li ħafna nies iħobbu jqabbdu fil-kampanja, anke xi **keib** jiġġerra fl-għelieqi.

Id-durrajsa hija skarsa, u tbejjet l-aktar fl-inħawi ta' fuq ta' Malta - per eżempju xi pari jbejtu fuq ix-xagħri ta' wara r-riżerva ta' l-Għadira. Tħobb **iżżomm fil-beraħ**, bħal raba' (maħdum jew mhux) u xagħri. F'Għawdex hi kemm kemm anqas skarsa. Minn riċerka li għamlet il-BirdLife tul dawn l-aħħar tletin sena, jidher ċar li **d-durrajsa qiegħda tonqos minn fostna**.

X'qed jiġri allura? Hemm żewġ problemi li jolqtu lid-durrajsa u lil ħafna għasafar oħrajn. L-użu esaġerat tal-**bexx** (jew pestiċidi) fil-kampanja jeqred ħafna mill-ikel li jieklu l-għasafar: l-insettiċidi jeqirdu l-insetti u l-erbiċidi joqtlu ħafna pjanti u żrieragħ, bir-riżultat li d-durrajsa ma ssibx x'tiekol u x' titma' lill-frieħ. Fil-fatt, id-durrajsa

| |
|---|
| Malti: **Durrajsa**<br>Ingliż: **Corn Bunting**<br>Xjentifiku: ***Miliaria calandra*** |

naqset fl-Ewropa kollha, l-aktar mill-pajjiżi fejn jintuża ħafna bexx, bħal fl-Ingilterra.

Problema oħra hija s'intendi **l-qerda tal-kampanja** u l-ħabitat tad-durrajsa.

Illum ħafna nies li jħobbu n-natura (kif ukoll saħħithom) iridu lill-bdiewa jużaw bexx mill-inqas jew xejn - dan hu li nfissru meta ngħidu ikel organiku.

Imma fuq hekk nitkellmu xi darba oħra.



**Bejta tad-durrajsa**

Ħalluni bi kwieti!



# Ħalluhom erba' rizzi!

Anke lili!

Hawn xi niex għajnejhom veru ikbar minn żaqqhom! Meta jmorru f'xatt il-baħar, ma jkunux kuntenti bil-basket imburġat ikel li jieħdu magħhom. Iridu jaraw x'jistgħu jiddubbaw ukoll mill-baħar. Allura arahom niżlin jaqbdu r-rizzi, itellgħuhom l-art, ikissruhom biex jieklu dik it-tikka oranġjo li jkun hemm fihom! Qisekx se tixba' b'ikla rizzi! Veru li drawwa antika, imma allura! Se nibqgħu hekk, qisna dejjem l-imġewħin? Illum m'aħniex neqsin mill-ikel! Mela allura erba' rizzi... **ħalluhom jgħixu bi kwiethom!**



# GALLERIJA



**MERILL**
Rachel Caruana (13)



**CRESTED TINAMOU**
Kenneth Cauchi (12)



**TIGRA**
Rodney Debono



**FANFRU** Emilio Magro (9)



**KULUVERT**
Jonathan Borg (7)



**XIFA**
Claire Cordina (12)



**TRESHER SHARK**
Robert Cilia (11)



**BEGGAZZINA TAN-NORD**
Nicholas Galea (5)



**BRAMA**
Alison Gauci (13)

Pinġu fuq karta bajda mhux ikbar minn dil-paġna, b'linka sewda u tpinġux bil-kulur. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u isem l-annimal jew pjanta. Agħmlu hekk, u t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin. Kull tpinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena.



3

# Kompetizzjoni 39

Stivaw fit-tisliba l-ismijiet tal-pjanti li għandkom fuq il-lemin (waħda minnhom lesta). Agħmlu kopja tat-tisliba mimlija u ibagħtuha, flimkien mad-dettalji tagħkom, lil BirdLife Malta (indirizz p2), mhux waraa **31 Awwissu 2000**. Ir-rebbieħ jingħata **ktieb dwar in-natura**. Ftakru: tqattgħux il-magażin.




**BUDA**
**DERU**
**XEBB**
**MOXT**

**ERIKA**
**FERLA**
**WIDNA**
**GARNI**
**SEDUM**
**RIĦAN**
**JANJA**
**TFIEF**

**NARĊIS**
**PLEJJU**
**ORKIDA**

**ĊFOLLOQ**
**VIDALJA**
**QREMPUĊ**
**ŻIGLAND**
**LIFTIJA**

**ALATERNU**
**KAĦWIELA**

**ĦANNEWIJA**

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 38 kienet **Tiziana Gambin** minn Birguma. Tiziana mitluba tmur iċ-Ċentru tal-BirdLife(Tnejn sal-Ġimgħa 9am-12) f'Ta' Xbiex, tieħu magħha l-membership card, biex tiġbor il-premju.

# GRAZZI

Grazzi lil dawn il-membri li daħħlulna membri ġodda fil-Klabb matul Mejju u Ġunju:

| | |
|---|---|
| **William Grech** | 1 |
| **Antoine Borg Micallef** | 1 |
| **Nadine Borg** | 1 |
| **André Camenzuli** | 2 |
| **Dawn Costa** | 1 |
| **Denise Spiteri** | 1 |
| **Roberto Fauré** | 1 |

Dawn kollha żdidulhom 8 punti fil-**Ħuttafa tas-Sena 2000** għal kull membru ġdid li daħħlu. Prosit, ħbieb. Intom il-Ħuttaf stess intom l-aqwa riklam li jista' jkollna għall-Klabb maħbub tagħna. Komplu sejrin hekk!

# Flokk għas-sajf? Beritta għax-xemx?



Il-BirdLife għandha għall-bejgħ dawn iż-żewġ oġġetti, li saru apposta għall-BirdLife, kif qed turina Natassia fir-ritratt!

Il-**flokk** huwa iswed bi stampa (u passi!) ta' monakella fuq quddiem. Il-monakella hija għasfur li jbejjet fir-riserva ta' l-Għadira.

Il-**beritta** fiha l-logo ta' l-Għadira, bil-kulur, fuq quddiem.

Għal aktar dettalji, ċemplu 347646.

3


X'suppost nitgħallmu meta naraw denfil jaqbeż għall-ħoss tas-suffara?

# Ma rridx immur!

**Għażiż Editur,**

**Ma' ta' l-iSkola Sajf ħa mmorru *dolphin show*. Jien m'inix ħa nattendi dil-ħarġa. Jien kont qed naqra li d-dniefel jgħixu xi 34 sena, imma f'dawn l-akwarjums jgħixu biss xi tliet snin.**

**X'ħasra!**

**William Grech**
**Msida**

*Għażiż William,*

*Tagħtix każ meta jgħidulek li postijiet bħal dawn huma edukattivi. Dik ħrafa li jivvintawha s-sidien ta' dawn il-postijiet biex iħajruna mmorru nonfqu l-flus. Dawn jippruvaw ibellgħuhielna li jekk tmur taralhom l-annimal ġol-gaġeġ (bħaż-żu), ġol-pixxina jew fiċ-ċirklu, jgħidulek li tkun qed titgħallem dwar l-annimali!*

*Hekk kienu jaħsbu darba fl-antik, u dawn il-postijiet kienu darba popolari ħafna. Imma llum nafu li biex titgħallem dwar l-annimali, l-aħjar tarahom fl-ambjent naturali tagħhom. Wara kollox, biex aħna naraw kif jgħixu n-nies ma mmorrux inżuru l-ħabs, hux hekk!*

*Fil-fatt, William, illum hawn ħafna żuwijiet, speċjalment fl-Ewropa, li qegħdin ifallu u jagħlqu. In-nies fl-aħħar qegħdin jitgħallmu li meta żżomm l-annimali magħluqin, din hija moħqrija kbira, għax dawn spiss jimirdu jew jagħmlu dwejjaq tant kbar li jmutu f'qasir żmien. U qed nieħu pjaċir li inti ndunajt diġà. Ħafna Maltin għadhom ma ndunawx. Mela f'idejk biex ixxerred il-verità!*

*Jalla jasal iż-żmien li anke f'Malta dawn il-postijiet, bħad-dolphin shows, jagħlqu u jibqgħu biss memorja kerha.*

*L-Editur*

# X'kattiverija!

**Sur Editur,**

**Fl-istudji tiegħi smajt fuq qabda annimali li qatt ma smajt fuqhom, jew inkella għamlu ħafna esperimenti fuqhom. Jiena ma togħġobnix l-idea li anki joqtlu annimali biex jagħmlu esperimenti fuqhom jew jużawhom. Mhux fer li joqtlu annimali biex jinqdew huma. Mhux fer li l-annimali jbatu biex in-nies ikunu komdi.**

**Inselli għalik**

**Alexandra Fiott**
**Ħ'Attard**

*Għażiża Alexandra,*

*Sewwa smajt. Fuq l-annimali jsiru esperimenti krudili ħafna, lanqas timmaġina x'kattiverija. Dawn l-esperimenti l-pubbliku ma jkunx jaf bihom, imma kultant xi ħadd jirnexxilu jiġbed xi ritratti f'dawn il-laboratorji, ritratti li jkexkxu.*

*Din il-moħqrija kollha ssir biex jagħmlu xi xampù, xi lipstik, xi sapuna, toothpaste jew fwieħa. U mhux għalxejn jaħbuhum dawn il-misthija ta' esperimenti. Kieku fir-riklami ta' dawn il-prodotti naraw xi ritratt ta' xadin b'għajnejh meħjutin miftuħin qed iqattrulu x-xampù f'għajnejh sakemm jagħma, naħseb li ftit nies jixtruh dak ix-xampù!*

*Għalhekk, Alexandra, huwa importanti li tkun taf x'inti tixtri eżattament. Qabel ma tixtri prodotti bħal dawn, fittex fuq il-flixkun jew kaxxa u pprova sib il-kliem* ***Against Animal Testing*** *jew* ***Not tested on Animals****. Jekk ma jkollhiex dik it-tikketta, tixtrix il-prodott!*

*Kumpanija li tagħmel prodotti bla ma taħqar l-annimali hija per eżempju The Body Shop (li ma niddejqux nagħmlulhom riklam b'xejn, għax veru ħaqqhom!). Veru li l-prodotti tagħhom huma tikka iktar għaljin, imma aħna lesti nħallsu ftit iktar biex niffrankaw il-moħqrija ta' tant annimali?*

*L-Editur*



Desirée Falzon

# Il-Kawboj u x-Xadin!



Dan l-aħħar f'Ħal Qormi ħarab xadin minn dar ta' xi ħadd. Kien xadin ftit kbir, ta' l-ispeċi **orang utan**. L-ambjent naturali ta' l-orang utan huma l-ġungli tal-Borneo, u Ħal Qormi mhux eżattament dat-tip ta' ambjent! Għalhekk il-povru xadin kien verament imwerwer!

Minn dar fil-viċin ħareġ raġel bis-senter, tah tir u qatlu! Malajr issolviet il-problema - à la kawboj Malti!

U hekk spiċċat l-istorja traġika tax-xadin li ħarab..!

# ATTIVITÀ 13+



## Ħbieb!

*Mas-sajf jaslu l-attivitajiet l-aktar mistennija tas-sena: il-ħarġa tal-Lejl maċ-Ċief u l-Kamp ta' Settembru. Il-lejl maċ-ċief fil-fatt diġà għamilnih. Barra ċ-ċief li bħal daż-żmien ma tistax ma taraħx, rajna wkoll xi għasafar tal-plajja, l-aktar pispisell bħall-beggazzina tar-rokka (common sandpiper).*

*Għall-kamp diġà bdejna nippreparaw, u għasafar żgur li mhux ser jonqsu. Naf illi tafu li ħadd minnkom m'għandu jitlef dan il-kamp uniku, u għalhekk m'għandi ebda dubju li l-postijiet ser jintlew kollha. Min irid jara u jitgħallem dwar l-għasafar tal-priża li tant drabi rajniehom fuq it-televixin, m'għandux jitlef din l-attività. U jekk ma tilħqux post, xorta tistgħu titilgħu l-Buskett għall-berdwoċing.*

Justin

***Justin Vassallo***
*Ko-ordinatur 13+*



## Mixja bil-Lejl

Issa li s-Sajf daħal ġmielu, m'għandi ebda dubju illi l-ġurnata tridu tqattgħuha ħdejn il-baħar tgħumu. Fil-fatt, wara x-xogħol li għamilna d-darba l-oħra fir-riserva ta' l-Għadira, kulħadd ġirja waħda għall-baħar u ma tlajniex qabel is-sitta ta' filgħaxija!

Għalhekk l-attività ta' din id-darba bil-lejl ġejja... Iva, mixja bil-lejl. Mill-għolja tar-Rabat ser nimxu sa Wied iż-Żurrieq. Nistrieħu ftit max-xatt sa ma jisbaħ, imbagħad inkunu l-ewwel nies biex ninżlu nitbaħbħu u niffriskaw. Mela ġibu ilma, xi ikel ħafif biex tikluh mat-triq, malja u xugaman. Narawkom.




Età: **13+**
Data: **Il-lejl bejn 18 u 19 Awwissu 2000**
Niltaqgħu: **7.45pm Bieb il-Belt** jew
**8.30pm il-venda tar-Rabat.**
Lura: **La nixbgħu ngħumu, nitilgħu lura l-Belt. Ikunu xi l-11am**



## Raptorcamp

Reġa' wasal Settembru, u miegħu jasal ukoll it-**tajr tal-priża** li fil-ħarifa jibda jpassi mill-Ewropa ta' Fuq għall-Afrika biex jaħrab mill-kesħa kiefra tax-xitwa li tkun ġejja. Bejn dawn iż-żewġ kontinenti hemm il-baħar Mediterran, fejn l-għasafar ma jkunux jistgħu jistrieħu. Għalhekk Malta, l-unika gżira li jaraw matul dan il-vjaġġ ta' sitt sigħat, hija importanti ħafna. Ejjew u żgur taraw tajr li qatt ma rajtu qabel.

Min iċempel nibagħtulu aktar tagħrif dwar x'għandu jġib u x'ser nagħmlu.

Età: **13+**
Dati: **15-17 Settembru 2000**
Post: **Il-Buskett**
Il-postijiet vera limitati. Għalhekk iddumux biex iċċemplu (347646) biex ma jiddispjaċikomx!

## Il-Ħuttafa tas-Sena

Dawn huma l-10 membri li bħalissa qegħdin fuq quddiem fil-**Ħuttafa tas-Sena 2000**.

| | |
|---|---|
| **Jürgen Pavanello** | 237 |
| **Sara Jane Cauchi** | 170 |
| **Kyra Vassallo** | 142 |
| **Kenneth Cauchi** | 130 |
| **Clayton Borg** | 83 |
| **Alf Buhagiar** | 68 |
| **Alvin Borg** | 55 |
| **André Sciberras** | 47 |
| **Darren Dalli** | 42 |
| **Arthur Briffa** | 39 |

# l-ilma

*ELISABETH CONRAD*

**Meta nitkellmu fuq riżorsi prezzjużi, x'aktarx li naħsbu f'affarijiet bħal djamanti, deheb jew żejt. Imma fil-fatt l-aktar riżors prezzjuż fid-dinja huwa l-ilma. Forsi l-ilma ma nagħtux wisq kasu għax irħis u komuni. Imma li ma kienx għall-ilma, ma kinitx tkun possibli ħajja fuq din il-pjaneta!**



X'qegħdin jagħmlu dawn il-vapuri ankrati fid-deżert? Jaqaw sikru l-kaptani? Xejn minn dan! Dan id-deżert ftit tas-snin ilu ... kien baħar! Din hija xena tal-Baħar Aral fl-Użbekistan, baħar li minħabba l-injoranza tal-bniedem, illum kważi nixef kollu!

Fin-natura l-ilma jgħaddi minn ċiklu kontinwu. Tagħmel ix-xita u l-ilma jinżel fuq l-art. Imbagħad ftit mill-ilma jsir fwar billi jevapora u jifforma sħab li minnhom terġa' tiġi x-xita. Xi ftit mill-ilma jinżel fix-xmajjar u l-ibħra. Xi ftit mill-ilma xita ma jevaporax, imma jinżel fil-blat u jifforma xmajjar u għadajjar taħt l-art (*groundwater*). S'issa kollox sempliċi, imma malajr jinqalgħu l-problemi.

Ejjew naħsbu ftit f'Malta. L-ewwelnett il-klima ta' Malta hija waħda Mediterranja, b'sajf sħun u niexef u xitwa bi ftit xita. Issa aħsbu f'kemm għandna bżonn l-ilma. Minbarra l-użu li nagħmlu minnu aħna d-dar, hemm ukoll il-biedja, l-industriji, it-turiżmu - dawn kollha għandhom bżonn ammonti kbar ta' ilma. U meta fis-sajf ma tagħmilx xita, dawn ma jistgħux jaqbdu u jieqfu jużaw l-ilma! Biss biss l-aktar li jkollna turisti huwa proprju fis-sajf!



F'Malta l-impjanti tar-reverse osmosis jużaw kwart ta' l-enerġija kollha li tintuża fil-pajjiż!

Għalhekk nużaw l-ilma ta' taħt l-art - il-*groundwater* jew l-ilma tal-pjan. Imma **dan l-ilma mhux infinit** - l-ilma li nneħħu jdum is-snin biex jerġa' jimtela.

Problema oħra bil-*groundwater* hija li **qegħdin inniġġsuh** bil-ħafna fertilizzanti fil-biedja.

Forsi taħsbu li s-soluzzjoni hija l-impjanti tar-reverse osmosis, li jibdlu l-ilma baħar f'ilma ħelu. Għal Malta mn'alla kienu dawn, imma dawn ukoll għandhom problema kbira - **biex jaħdmu jużaw ħafna ħafna enerġija**, u għaljin immens biex tmantnihom.

Din il-problema mhijiex waħda ta' Malta biss, anzi! Aħsbu ftit f'postijiet fejn xmara tgħaddi minn iktar minn pajjiż wieħed, bħalma tagħmel ix-xmara Nil. Jekk pajjiż jużà ħafna mill-ilma tax-xmara, se jifdal inqas għall-pajjiżi l-oħrajn. L-istess jekk pajjiż jibni diga (*dam*), dan se jwaqqaf pajjiż ieħor milli jieħu dak l-ilma.

**Tant hi serja l-problema ta' l-ilma li ħafna nies ibassru li fis-snin li ġejjin il-gwerer li għad jinqalgħu se jkunu proprju minħabba l-ilma!**

S'issa ħlief problemi ma semmejniex! Imma hemm affarijiet pożittivi wkoll - **aħna wkoll nistgħu nagħmlu differenza**! Jekk noqogħdu attenti li ma naħlux ilma, il-problema tonqos. Per eżempju:

- nagħlqu l-vit meta m'għandniex bżonnu (eż. waqt li qed naħslu sniennа)
- nieħdu xawers flok banju
- ma nużawx il-flaxing għal xejn
- ma nużawx pajp biex naħslu l-karozza, imma barmil bl-ilma
- nużaw jekk nistgħu ilma mill-bir għal ħasil jew tisqija.

B'hekk inkunu qed nagħmlu l-parti tagħna wkoll.





Victor Falzon

# Seħibna Kamal!

***Il-Kamalejont kulħadd jaf bih. Min jistkerrhu, min iħobbu. Kemm nafu dwaru dan l-annimal speċjali? Mela ftit fatti...***

- Il-kelma hija KA**MAL**EJONT mhux KA**LAM**AJONT!
- Ma tantx ivarja ismu dan l-annimal! Bl-Ingliż jgħidulu *Mediterranean chameleon*, u l-isem xjentifiku tiegħu huwa *Chamaeleo chamaeleon*!
- Il-kamalejont huwa rettilu, kuġin tal-gremxul u l-wiża'.
- Huwa l-uniku speċi (minn xi 80) ta' kamalejont li jinsab barra mill-Afrika.
- Ibiddel il-kuluri skond l-ambjent ta' madwaru, skond it-temperatura, u anke skond il-burdata! - meta jkun irrabjat, per eżempju, isir kważi iswed.
- Għajnejh ma jċaqlaqhomx flimkien bħalna, imma waħda 'l hawn u l-oħra 'l hemm!
- Il-Kamalejont ibid xi 30 bajda, u jaħbihom taħt il-ħamrija.
- Għandu lsienu twil kważi daqs ġismu, u joħorġu bħal berqa u jaqbad l-insetti billi jagħtihom daqqa ta' "ponn" b'ilsienu!
- Mhuwiex indiġenu f'Malta, imma daħħluh xi nies li ġabuh magħhom bħala pet, li mbagħad ħarab...u bied...u tkattar!
- Bħar-rettili kollha ta' Malta, il-kamalejont huwa mħares bil-liġi. Ma tistax toqtlu, taqbdu jew iżżommu għandek.
- MHUWIEX perikoluż, MHUWIEX moqżież u MA JĠORRX mard!
- Għandu speċi ta' gidma... imsomma, daqs labra ta' l-inxir!
- U l-favorita! MHUX veru li jekk tqiegħdu fuq l-aħmar jisplodi!!!

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tiegħu...

- Tliet pitazzi ta' l-għasafar
- Stiker bil-kulur ta' għasfur
- Tmien punti fil-Ħuttafa tas-Sena




Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom jimlew kopja ta' dil-formola, imla isfel id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Data tat-Twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Telefon ______________

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*

Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**



# Ta' Ċenċ
## Ġawhra naturali

BirdLife
MALTA
*Għall-Għasafar!*